# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 25 – IL-ĦAMIS 18 TA' SETTEMBRU 2014

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku (wasal fit-7:55pm) |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Matthew Seychell | Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (skużat) |

Kien hemm persuna waħda tattendi.

**Minħabba li aktar kmieni fil-ġurnata kienet twasslet l-aħjar kerha tal-mewt tal-Kunsillier Twanny Bugeja, kien hemm qbil li l-laqgħa għandha tibda b'minuta silenzju. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jgħaddi biss il-punti ta' ċertu urġenza u punti li setgħu jistennew kienu se jiġu diskussi waqt il-laqgħa li jmiss.**

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 24

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.2 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Is-SE għamlet riferenza għal para. 2.1, fejn infurmat li kienu tefgħu l-offerta tagħhom 5 kuntratturi però kien ċar li wieħed biss kien amministrattivament korrett minħabba li l-oħrajn ma kinux tefgħu żewġ kopji tal-offerta kif mitlub fuq l-ispeċifikazzjonijiet. Hija spjegat ukoll li l-kuntrattur kien tefa' l-offerta għal lots 1 – 4 biss u li iżda l-ammont ta' flus allokat kien se jintuża kważi kollu. Min-naħa l-oħra kienu diġà saru diskussjonijiet sabiex possibbilment l-allokazzjoni tiżdied b'€75,000 biex il-proġett ikun jista' jsir interament. Il-Kunsill qabel li kemm-il darba r-rapport tal-aġġudikazzjoni min-naħa tal-perit li tqabbad qed jirrakkomanda li jintagħżel il-kuntrattur Attard Brothers Group bħala ċ-*cheapest compliant*, is-SE għandha tmexxi bih.

2.2 Is-SE infurmat li dwar para. 2.3, il-kuntrattur Azzopardi kien waqaf jagħti s-servizz tal-knis u għaldaqstant sakemm tiġi aġġudikata l-offerta kienet se toħroġ numru ta' *direct orders* biex il-lokalità tibqa' titnaddaf b'mod regolari.

2.3 Hawnhekk wasal il-Viċi Sindku. Il-ħin kien it-7:55pm.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku beda l-kommunikazzjoni tiegħu billi wera s-sogħba tiegħu għall-mewt tal-eks Kunsillier Twanny Bugeja li sakemm is-saħħa ppermettietlu, kien ħadem għall-ġid tal-lokalità u id f'id mal-Kunsilliera kollha. F'isem il-Kunsill kollu xtaq iwassal il-kondoljanzi lill-familja kollha. Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud informa li kienet ix-xewqa tiegħu li fid-dawl tal-mewt tal-Kunsillier Bugeja, kien jippreferi li kieku din il-laqgħa ġiet posposta. Kulħadd qabel però kien hemm numru ta' punti li ma setgħux jistennew.

3.2 Is-SE infurmat li qabel il-laqgħa hija kienet bagħtet kommunikazzjoni lid-Direttur u lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tinfurmahom bil-vakanza fil-Kunsill u bil-bżonn li ssir elezzjoni każwali.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.2 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar il-kont tal-ARMS, is-SE infurmat li l-kont kien ikopri l-latrini kif ukoll id-dwal tal-pjazza kollha.

4.3 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta' Awwissu 2014.

4.4 Hawnhekk il-Kunsill waqqaf il-laqgħa temporanjament sabiex jitkellem mas-Sur Joe Attard minn GreenMT. Il-ħin kien it-8:10pm. Il-laqgħa reġgħet kompliet fid-8:50pm fejn fiha kien hemm qbil li l-kollezzjoni tal-iskart riċiklabbli għandu jibda jsir fuq bażi ta' darbtejn fil-ġimgħa, it-Tnejn u l-Ġimgħa min-nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ottubru.

## 5. APPROVAZZJONI TA' BOZZA FI TRIQ IS-27 TA' APRIL

5.1 Kien hemm qbil li naqbżu għal punt nru. 6.

## 6. MEMO 25/2014 – SKEMA DWAR INIZJATTIVI SPORTIVI FIL-LOKALITAJIET 2014 - 2015

6.1 Il-Kunsill qabel li għandu japplika għall-iskema dwar inizjattivi sportivi fuq l-istess bażi tas-sena ta' qabel.

## 7. ARMAR TAL-MILIED

7.1 Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' joħroġ sejħa pubblika għat-tpoġġija tal-mejn tad-dawl filwaqt li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa fuq id-dekorazzjonijiet.

## 8. AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTA TAL-KNIS

8.1 Kien hemm qbil li dan il-punt jinqabeż.

## 9. AĠĠUDIKAZZJONI TAL-KWOTAZZJONIJIET PUBBLIĊI

9.1 MTFLC/Q/01/2014 – Assikurazzjoni tal-Kunsill – kien hemm biss offerent wieħed, *Island Insurance Brokers Ltd*. Kien hemm qbil li l-Kunsill jaċċetta din l-offerta.

9.2 MTFLC/Q/02/2014 – Tindif tal-uffiċini – Kien hemm żewġ offerenti u l-Kunsill agħżel li jaċċetta l-irħas offerta, dik ta' TF Services.

9.3 MTFLC/Q/03/2014 – *Beverage Stall* għal MM 2014 – Ma kienx hemm offerti.

9.4 MTFLC/Q/04/2014 – *Maltese Food Stall* għal MM 2014 – Ma kienx hemm offerti.

9.5 MTFLC/Q/05/2014 – *Drills Displays* għal MM 2014 - Kien hemm biss offerent wieħed, Malta Command. Il-Kunsill qabel li jaċċetta din l-offerta iżda s-SE għandha titlob biex possibbilment il-prezz jitnaqqas aktar mill-€2000 kif mitlub.

9.6 MTFLC/Q/06/2014 – Servizz ta' banda għal MM 2014 – Kien hemm biss offerta waħda minn Mro. Paul Abela għal €3000. Il-Kunsill aċċetta din l-offerta iżda talab lis-SE sabiex tiddiskuti l-prezz mal-Mro. Abela.

## 10. PUNTI OĦRA

10.1 Kien hemm qbil li dan il-punt għandu jinqabeż.

## 11. AĠĠORNAMENT

11.1 Il-laqgħa spiċċat fid-9:00pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 9 ta' Ottubru fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |